

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Ottubru 2021 – WM vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-411/18) <sup>(1)</sup>

*(“Servizz pubbliku – Uffiċjali – Reklutaġġ – Avviż ta’ kompetizzjoni – Kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/338/17 – Deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla li teskludi lir-rikorrent mill-fażi sussegwenti tal-kompetizzjoni – Artikoli 21 u 26 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali – Artikolu 1(d)(1), (4) u (5) tar-Regolamenti tal-Persunal – Akkomodament raġonevoli – Prinċipju ta’ nondiskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà – Direttiva 2000/78/KE – Responsabbiltà – Dannu materjali u morali”)*

(2022/C 2/37)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: WM (rappreżentant: B. Entringer, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. S. Bohr u D. Milanowska, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/338/17, tas-27 ta' Settembru 2017, li teskludi lir-rikorrent mill-fażi sussegwenti tal-kompetizzjoni kif ukoll tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tad-19 ta' April 2018 li tiċħad l-ilment tiegħu u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-dannu li huwa allegatament ġarrab insegwitu ta' dawn id-deċiżjonijiet.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Kull parti għandha tbatl l-ispejjeż rispettivi tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 61, 24.2.2020.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Ottubru 2021 – Kerstens vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-220/20) <sup>(1)</sup>

*(“Servizz pubbliku – Uffiċjali – Proċeduri dixxiplinari – Artikolu 266 TFUE – Investigazzjonijiet amministrattivi – Prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba – Prinċipju ta’ imparzjalità – Rikors għal annullament u għad-danni”)*

(2022/C 2/38)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Petrus Kerstens (La Forclaz, l-Isvizzera) (rappreżentant: C. Mourato, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Mongin u A.-C. Simon, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tan-nota tal-Kummissjoni tas-27 ta' Marzu 2017 li tinforma lir-rikorrent bit-komplija ta' proċeduri dixxiplinari u tad-deċiżjoni tal-11 ta' Lulju 2019 li tindirizzalu twissija u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-dannu li huwa ġarrab minħabba l-iżvolġiment u t-tul ta' tliet proċeduri dixxiplinari.

**Dispożittiv**

- 1) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-11 ta' Lulju 2019 li tindirizza twissija lil P. Kerstens hija annullata.
- 2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, żewġ terzi tal-ispejjeż ta' P. Kerstens.

<sup>(1)</sup> ĠU C 247, 27.7.2020.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Novembru 2021 – Stada Arzneimittel vs EUIPO – Pfizer (RUXXIMLA)**

(Kawża T-239/20) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali RUXXIMLA – Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali preċedenti RUXIMERA – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta’ konfużjoni – Xebh tas-sinjali – Artikolu 8(1) (b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)*

(2022/C 2/39)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrent:* Stada Arzneimittel AG (Bad Vilbel, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J.-C. Plate u R. Kaase, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjeta Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Gája, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Pfizer Inc. (New York, New York, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: V. von Bomhard u J. Fuhrmann, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-13 ta' Frar 2020 (Każ R 1879/2019-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Pfizer u Stada Arzneimittel.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Stada Arzneimittel AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 209, 20.6.2020.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Novembru 2021 – Stada Arzneimittel vs EUIPO – Pfizer (RUXYMLA)**

(Kawża T-248/20) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali RUXYMLA – Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali preċedenti RUXIMERA – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta’ konfużjoni – Xebh tas-sinjali – Artikolu 8(1) (b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)*

(2022/C 2/40)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrent:* Stada Arzneimittel AG (Bad Vilbel, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J.-C. Plate u R. Kaase, avukati)